MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 269/2011

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Gordon u Lara Ann mizzewgin Agius**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' attrici tas-16 ta' Marzu 2011 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fl-iskritturi privati datati 21 ta' Frar 2006 (Dok. A) u 24 ta' Marzu 2006 (Dok. B), 1 ta' Novembru 2006 (Dok. C), 11 ta' Awwissu 2007 (Dok. D) u 11 ta' Mejju 2010 (Dok. E) is-socjeta' attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Gordon u Lana Ann mizzewgin Agius;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Gordon u Lana Ann mizzewgin Agius fis-somma ta' tmienja u sittin elf, tlett mija u tmienja u tletin Euro u tmienja u sittin centezmu (€68,338.68) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft*

*Accounts”* ta’ Gordon u Lana Ann mizzewgin Agius mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. F1 sa F4, u Dok. G1 sa G25, Dok. H1 sa H2, Dok. I1 sa I3 u Dok. J1 sa J2) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-21 ta’ Dicembru 2010 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokumenti A sa E rispettivament), partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Gordon u Lana Ann mizzewgin Agius

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Gordon u Lana Ann mizzewgin Agius li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici;

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

5. Illi l-konvenuti Gordon u Lana Ann mizzewgin Agius gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 10 ta’ Gunju 2009, li kopji taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok. K, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, ighidu l-konvenuti ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezebiti rispettivament bhala Dokumenti A sa E) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Gordon u Lana Ann mizzewgin Agius (a) naqsu milli jhallsu l-

pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Gordon u Lana Ann mizzewgin Agius li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici; u

2. Tikkundanna lill-konvenuti Gordon u Lana Ann mizzewgin Agius, ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmienja u sittin elf, tlett mija u tmienja u tletin Euro u tmienja u sittin centezmu (€68,338.68) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts"* ta' Gordon u Lana Ann mizzewgin Agius mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. F1 sa F4, u Dok. G1 sa G25, Dok. H1 sa H2, Dok. I1 sa I3 u Dok. J1 sa J2) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-21 ta' Dicembru 2010 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 10 ta' Gunju 2009 u tal-Mandat ta' Inibizzjoni u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ingunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta' rikorrenti;

Rat in-nota tal-konvenuti pprezentata fid-19 ta' Mejju 2011 li biha ammettew it-talbiet kif dedotti fir-rikors ġuramentat;

Wara li l-Qorti ezaminat  l-atti, jirrizulta illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta ppruvata mid-dokumenti minnha esebiti cioe Dok. A sa Dok. K annessi mar-rikors guramentat, u ghalhekk qed tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti (kontra l-intimati), bl-ispejjez  u imghax kif mitluba sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------